**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Ottubru, 2018

Rikors Nru : 175/18 AL

**AB**
***-vs-***
**Avukat Dr Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Jeremy Buttigieg bhala kuraturi deputati nominati sabiex jirrapprezentaw l-assenti CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fid-19 ta' Lulju, 2009, gewwa l-Eritrea, bir-rit Ortodos mil-liema zwieg, pero' ma twieldux tfal;
2. Illi l-kontendenti ilhom aktar minn erba' snin isseparati de facto u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li l-intimat, CD telaq minn pajjizu, l-Eritrea, aktar minn erba' snin ilu u qieghed jghix l-Israel waqt li r-rikorrenti qeghda tghix f'Malta;
3. Illi ghalhekk ai termini tal-Att. XIV tal-2011, l-esponenti tixtieq titlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg minn zewgha l-intimat;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-Ligi tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkunrattat bejn l-kontendenti fid-19 ta' Lulju, 2009;

Bl-ispejjez kontra l-intimat;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati, li permezz taghha eccepew :

1. Illi r-rikorrenti ghandha taghti xi indirizz tal-assenti sabiex l-esponenti jkun jista jikkomunika mal-assenti;
2. Illi fit-tieni lok r-rikorrenti ghandha jgib prova taz-zwieg taghha;
3. Illi fit-tielet lok r-rikorrenti ghandha jgib il-prova li ilha aktar minn tlett snin separata mill-intimat;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Lulju, 2018;

Rat illi il-kuraturi deputati ma dehrux ghas-seduta tal-4 ta' Ottubru, 2018 u ghalhekk il-Qorti iddifferit ir-rikors ghas-sentenza;

Rat illi ir-rikorrenti ippruvat li l-partijiet ghaddew minn procedura ta' medjazzjoni;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom ghal aktar minn erba' snin isseparati de facto;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna

lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.